


# 425 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien

*Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.ed (PI & Mgt)*

L-oriġini tal-komunità Tarxiniża tmur lura madwar 3,000 sena Qabel Kristu, meta ċorma nies bdew jgħixu qrib xulxin, biswit l-imqaddes megalitiċi – illum it-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien. Dawn l-imqaddes juru x'sens reliġjuż kbir kellhom in-nies f'dawk iż-żminijiet. Dan it-twemmin kompla jiżviluppa sakemm fis-sena 60 Wara Kristu wasal Malta San Pawl. Hu ġab miegħu t-twemmin tal-fidi ta' veru u l-uniku Alla. Sas-sena 1,400 Wara Kristu, il-gżira ta' Malta kienet maqsuma f'żewġ parroċċi – dik tal-Imdina u dik tal-Birgu. Ħal Tarxien kien jagħmel parti mit-tieni parroċċa. Waqt żjara f'Malta, Monsinjur Senatore De Mello sab li Malta kienet maqsuma f'għaxar parroċċi. Waħda minnhom kienet dik ta' Bir Miftuħ. Ħal Tarxien, flimkien ma' Ħal Luqa, Ħal Farruġ, Ħal Kirkop, l-Imqabba u Ħal Safi kienu jiffurmaw parti minn din il-parroċċa. Naturalment kien hemm ukoll il-komunità tal-Gudja, li kienet bieb ma' bieb mal-Knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ. Meta wasal Monsinjur Pietro Dusina fl-1575, biex jirranġa l-'feriti' li kien hemm bejn il-Gran Mastru u l-Isqof ta' Malta, kellu jikteb rapport dwar jekk Malta daħlitx ir-riformi ġodda tal-knisja. Skont dan ir-rapport f'Ħal Tarxien kien hemm 100 familja (daqs 500 ruħ). Għal dawk iż-żminijiet 500 ruħ kienet komunià b'numru sabiħ ta' abitanti.



*Il-knisja ta' Bir Miftuħ*

## Parroċċa

It-Tarxiniżi talbu lill-Isqof Fra Tumas Gargallo biex joħloq parroċċa għal din il-komunità. L-Isqof kien jaf sewwa li bejn il-komunità ta' Ħal Tarxien u l-knisja ta' Bir Miftuħ kien hemm xi sitt kilometri, distanza kbira biex l-abitanti Tarxiniżi jmorru l-knisja għall-quddies u biex jieħdu s-sagramenti. Kien hemm problema – il-kappillan Dun Bartolomeo Mangion. Dan kien ilu jmexxi l-parroċċa ta' Bir Miftuħ mis-sena 1575. Il-ħlas tal-kappillani kien jiddependi min-numru ta' parruċċani li jkollu fil-parroċċa. F'dawk iż-żminijiet il-kappillani kienu jieħdu d-deċmi. Dun Ġużeppi Micallef jispjega d-deċmi b'dan il-kliem: "Kien dritt antik ħafna tal-kappillani li kull sena kull kap ta' familja jagħtihom tomna qamħ u wiżna qoton u f'każ ta' wieħed li kien ikollu xi bhejjem tar-raba' kien irid jagħti wkoll tomna xgħir".

L-Isqof Fra Tumas Gargallo kien jaf tajjeb x'terrimont kien iqajjem jekk jaqsam il-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Dan kien ifisser li l-kappillan Dun Bartolomeo Mangion kien ser jonqoslu d-dħul mid-deċmi. Bħala soluzzjoni kien hemm triq waħda, jistenna li l-kappillan imut. Għalhekk meta l-kappillan Dun Mangion ħalla dan il-wied tad-dmugħ, sewwa sew fit-23 ta' Mejju 1592, l-Isqof ħa mall-ewwel l-okkażjoni biex joħloq il-parroċċa ta' Ħal Tarxien u dik ta' Ħal Kirkop (parroċċa magħmula minn Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba). Fid-29 ta' Mejju 1592 il-komunità ta' Ħal Tarxien twieldet uffiċjalmet.

## Il-knisja parrokkjali

F'dawk iż-żminijiet, f'Ħal Tarxien kien hawn 11-il kappella. Dawn kienu l-kappelel ta' San Luqa, San Nikola, il-Konverżjoni ta' San Pawl, Marija Annunzjata, il-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Sant'Elizabetta, Santa Marija (l-Assunta), San Leonardu, San Ġwann Battista, San Nikola

*ikompli f'paġna 58*



*Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien*

tas-Sieu, Sant'Andrija u San Nikola ta' Ħal Bajjada. L-għażla waqgħet fuq il-kappella ta' Marija Annunzjata.

Skont ir-riċerka tas-Sur Joseph A. Farrugia il-kappella tal-Lunzjata kellha dawn l-affarijiet – altar, art biċ-ċangatura, pittura għal fuq l-altar, patroċinju tal-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ, prokuratur (Duminku Pace) u renta minn żewġ għelieqi. Monsinjur Pietro Dusina, meta ra li kien hemm dħul ta' flus ordna li l-kappella tiġi mżejna b' ventartal għall-artal maġġur, salib tal-metal u żewġ gandlieri tal-injam għall-istess artal. Kienet issir ukoll il-festa ad unur il-Lunzjata bil-vespri u quddiesa u karità għall-fqar. Barra minn hekk, il-prokuratur kellu jixgħel il-lampier ta' quddiem l-artal maġġur kull nhar ta' Sibt, Ħadd u fil-festi kmandati. Il-kappella ta' Marija Annunzjata saret il-knisja parrokkjali. Bħala kappillan intgħażel Dun Bastjan Cuscusu.

## Ftit ta' storja

In-numru tan-nies beda jiżdied. Kien hemm bżonn li l-parroċċa jkollha knisja parrokkjali ġdida. Fl-1610 inħattu tliet kappelel, dawk ta' San Luqa, San Nikola u l-Konvezjoni ta' San Pawl. Dawn il-kappelel kienu mibnija biswit xulxin. B'hekk, inħoloq spazju quddiem il-misraħ ta' Ħal Tarxien (illum Misraħ Repubblika). Minflokom inbniet knisja ġdida li tlestiet tmien snin wara. Maż-żmien in-nies komplew jiżdiedu. Il-knisja, kif nafuha llum kienet lesta fl-1723 iżda x-xogħol fuq il-faċċata ta' barra tlesta 33 sena wara. Aktarx hi xogħol Vittorio Cassar. Fid-9 ta' Mejju 1782, l-Isqof Fra Vincenzo Labini kkonsagraha.

Bil-mod il-mod il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien ġiet 'imżejna'. Fil-25 ta' Marzu (f'jum il-Lunzjata) 1829 waslet il-vara titulari maħduma fl-injam mill-iskultur Żejtuni, Xandru Farrugia, student tal-iskultur Tarxiniż Mariano Gerada. Pass ieħor importanti seħħ fit-23 ta' Marzu 1874 meta wasal il-kwadru tal-kor, xogħol il-pittur Taljan Pietro Gagliardi. L-armar tal-knisja kompla. Ġew imqabbda Gian Nicola Buhagiar, Francesco Zahra, Enrico Arnaud, Rocco Buhagiar, Giuseppe Calì u Pietro Novelli. L-artal maġġur sar fl-1783, minn Antonio Nicholas. Dan tħallas minn Dun Ġwann Barbara. Antonio Nicholas għamel ukoll il-fonti tal-ilma mbierek.



*Il-kwadru titulari ta' Marija Annunzjata*

Il-knisja parrokkjali għandha sett sabiħ ta' vari. Barra Xandru Farrugia nsibu xogħlijiet ta' Ġlormu Darmanin, Carlo Darmanin u Gio Maria Saliba. Barra dawn hemm żewġ vari li saru fl-Italja. Il-mastrudaxxa li ħadem is-siġġijiet tal-kor kien Antonio Farrugia. Dawn saru fl-1752, fuq disinn ta' Francesco Zahra. Il-fonti tal-magħmudija, li hu tal-injam sar minn id Antonio Farrugia fl-1752. Teżori oħra li jinsabu fil-knisja parrokkjali u li naraw matul il-jiem tal-festa huma t-tużell (1899) u l-ostensorju (1927) kapulavur ta' Manwel Buhagiar. Il-qanpiena l-kbira li tiżen madwar 31 qantar, saret fil-funderija ta' Ġulju Cauchi fl-1887.

## Il-Konfraternitajiet

Fis-sena 1597, jiġifieri ħames snin wara t-twaqqif tal-parroċċa, ġew imwaqqfa żewġ fratellanzi, żewġ fratellanzi li nsibu f'kull parroċċa Maltija u Għawdxija – jiġifieri dawk tas-Santissimu Sagrament u tal-Madonna tar-Rużarju. Fl-1668 ġiet imwaqqfa l-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni waqt li dik tal-Madonna taċ-Ċintura twaqqfet fl-1777. L-aħħar fratellanza li twaqqfet hija dik tal-Madonna tad-Duttrina. Din twaqfet fl-1874.

Illum, f'Ħal Tarxien insibu żewġ kappelel, dawk ta' Santa Marija (l-Assunta) magħrufa bħala Santa Marija tar-Rokna, u San Bert u l-Madonna tal-

Parir Tajjeb. Hemm ukoll knisja moderna ddedikata lil San Nikola minn Tolentino li t-Tarxiniżi jsejħulha tal-Agostinjani u knisja oħra ddedikata lil Kristu Irxoxt magħrufa bħala tal-Ewrieħ billi tinsab fiċ-ċimiterju ta' dan ir-raħal u t-Tarxiniżi jafuh bħala ċ-ċimiterju tal-Erwieħ. Hemm kappella żgħira f'idejn is-sorijiet tal-Karitá. Fl-imgħoddi din il-kappella kienet iddedikata lil San Ġużepp iżda aktar tard ġiet iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes.

## Arċimatriċi

Il-parroċċa ta' Ħal Tarxien hija parroċċa bi storja, tant li hija arċimatriċi. Fit-12 ta' Lulju 1910, l-Isqof Pietro Pace fired mill-parroċċa ta' Marija Annunzjata ż-żona ta' Raħal Ġdid. Din il-parroċċa għall-ewwel kellha tkun iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù imma ġiet iddedikata lil Kristu Sultan. Fl-24 ta' Jannar 1965 l-Arċisqof Mikiel Gonzi fired biċċa oħra mill-parroċċa Tarxiniża, żona magħrufa bħala l-Fgura. Il-parroċċa l-ġdida tpoġġiet taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1969 Monsinjur Mikiel Gonzi reġa' fired parti oħra tal-parroċċa Tarxiniża, żona mibnija fis-snin ħamsinijiet u sittinijiet tas-seklu 20. Dan seħħ meta waqqaf il-parroċċa ta' Santa Luċija li ġiet iddedikata lil San Piju X.

## Il-Festi u l-purċissjonijiet

F'kull sena f'Ħal Tarxien isiru dawn il-festi: dik ta' Marija Annunzjata (il-festa titulari) u dik tal-Madonna tad-Duttrina (il-festa sekondarja). Isiru wkoll il-purċissjoni ta' Corpus, tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Madonna tar-Rużarju. Il-purċissjoni tal-Kunċizzjoni u tal-Madonna taċ-Ċintura ma baqgħux joħorġu. Fost dawn il-purċissjonijiet, il-purċissjoni tad-Duluri hija l-aktar purċissjoni popolari mat-Tarxiniżi. F'din il-purċissjoni jkun hemm nies ħafja, biex iwettqu xi wegħda li jkunu għamlu mal-Madonna. Is-soċji tal-mużew jorganizzaw manifestazzjoni f'Lejlet il-Milied għat-tfal li jattendu l-qasam tad-Duttrina. Xi ġenituri jieħdu sehem ukoll f'din il-manifestazzjoni. It-Tarxiniżi jafu din il-manifestazzjoni bħala l-purċissjoni tal-Bambin.

It-Tarxiniżi għandhom fid-demm l-imħabba lejn il-Madonna. Il-vari tal-Lunzjata u tad-Duttrina, kif ukoll dik tar-Rużarju u tal-Kunċizzjoni għandhom leġġendi marbutin magħhom. Iżda l-qofol tal-folklor Tarxiniż kienet il-purċissjoni ta' San Girgor. Din il-purċissjoni kienet tibda mix-Xagħra ta' Ħal Tarxien (illum il-pjazza De Paule). Il-fratelli u membri tal-kleru kif ukoll parruċċani minn kull parroċċa, kienu jibqgħu sejrin lejn il-qalba ta' Ħal Tarxien jiġifieri lejn il-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata. Fuq iz-zuntier il-fratelli li kien ikollhom l-istandardi kienu jippikaw min ibaxxi l-istandardi u jerġa' jwaqqafhom f'ħakka t'għajn. Din il-mossa kienet tinvolvi saħħa u ħila min-naħa tal-fratelli. Wara l-kleru u parruċani kienu jidħlu fil-knisja parrokkjali u wara l-purċissjoni kienet tkompli għaż-Żejtun fejn kienet tispiċċa fil-Knisja ta' San Girgor.



*Il-purċissjoni ta' San Girgor f'Ħal Tarxien*

Ħal Kirkop u Ħal Tarxien saru parroċċi fl-istess jum. Din setgħet welldet problema. Liema parroċċa kellha d-dritt tal-preċedenza jew anzjanità f'każ ta' xi purċissjoni jew manifestazzjoni bħal dik tal-purċissjoni ta' San Girgor. Sew missier l-istorja Maltija – Ġian Franġisk Abela kif ukoll l-Isqof Fra Tumas Gargallo issemmew dan id-dritt tal-preċedenża. Huma jsemmu ftehim tal-alternanza bejn iż-żewġ parroċċi - sena l-membri tal-parroċċa jimxu quddiem l-oħra u sena wara jsir bil-kuntrarju.

---

Referenzi:
Micallef Ġużeppi (Dun). Ħal Luqa, niesha u ġrajjietna, Malta, 1975, p 15.
Farrugia J. A. , Rapport taż-żjara ta' Mons Dusina f'Ħal Tarxien jew ir-raħal ta' San Ġwann (Casalis San Giovanni) li saret fit-8 ta' Frar 1678, Tarxien, ħarġa speċjali tal-festa 2016, Għadd 148. p33.
Op cit
Massa Alfred, Ħal Tarxien u Ħal Kirkop jagħlqu 400 sena Parroċċa, Nru 9-10, Mejju 1992.
Micallef Ġużeppi (Dun), Ħal Luqa, niesha u ġrajjietna, Malta, 1975.
Farrugia Joseph A., Rapport taż-żjara ta' Mons Dusina f'Ħal Tarxien (Casalis San giovanni) li saret fit-8 ta' Frar 1578, Tarxien, ħarġa speċjali tal-festa 2016, Għadd 148.
Farrugia Joseph A., Guide to the Parish Church of Tarxien, Tarxien Parish Church publication 2009, Best Print Ltd Qrendi.